

Kważi persuna waħda minn kull erbgħa fl-UE tgħix f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. Il-kundizzjonijiet tal-għajxien, il-livelli tal-faqar u s-sitwazzjonijiet tad-dħul fil-faqar u l-ħruġ minnu huma differenti għall-irġiel u n-nisa u jvarjaw ukoll tul il-ħajja ta' persuna. Iż-żgħażaġh (18–24) jiffurmaw 10 % tal-foqra kollha fl-UE ⁽¹⁾. Filwaqt li r-riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali ma jvarjax ħafna għan-nisa u l-irġiel f'dan l-istadju tal-ħajja, in-nisa b'mod evidenti qed ibatu l-konsegwenzi tal-inugwaljanzi bejn is-sessi f'età aktar avvanzata. Dawn huma f'riskju ferm akbar ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali minn irġiel f'età aktar avvanzata.

L-indirizzar tal-faqar matul il-ħajja

Il-qerda tal-faqar u l-esklużjoni soċjali hija parti integrali mill-istrateġija tal-Ewropa 2020. Dan l-impenn għandu l-għan li sal-2020 joffroq mill-inqas 20 miljun persuna mill-faqar. Madankollu, l-Istati Membri jiffaċċjaw sfidi biex jilħqu din il-mira. Mill-2010, in-numru ta' nisa li qed jgħixu fil-faqar żdied.

B'mod ġenerali n-nisa huma f'riskju ogħla ta' faqar fil-gruppi kollha ta' età. Matul il-ħajja tagħhom dawn jirċievu dħul aktar baxx mill-irġiel, għandhom aktar ċans li jaħdmu f'impjegi b'pagi baxxi u mhux siguri u jieħdu interruzzjonijiet fil-karriera minħabba responsabbiltajiet ta' kura. Dawn l-inugwaljanzi tul il-ħajja eventwalment iwasslu għal diskrepanzi fid-dħul, dipendenza ekonomika u riskju ogħla ta' faqar, li jidhru l-aktar apparenti fix-xjuħija. Dan huwa partikolarment ta' tħassib, peress li n-nisa jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-popolazzjoni li qed tixjieħ fl-UE.

L-approċċ tul il-ħajja kollha jirrikonoxxi r-rabtiet bejn l-istadji differenti fil-ħajja tal-persuna u jikkunsidra kemm iċ-ċirkostanzi diffiċli tal-ħajja jissejsu fuq xulxin biex jinfluwenzaw kull stadju addizzjonali.

Il-politiki tal-UE jirrikonoxxu l-impatt li l-inugwaljanzi kumulattivi għandhom fuq ir-riskju ta' faqar u d-dipendenza ekonomika għal nisa f'età aktar avvanzata. Il-Kummissjoni Ewropea ħadet passi importanti biex tnaqqas id-disparità bejn is-sessi fil-pensjonijiet. Din stiednet ukoll lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-prevalenza ogħla tan-nisa f'xogħol part-time u l-progressjoni relattivament baxxa fil-qligħ, peress li dawn jista' jkollhom effett detrimental fuq intitolamenti tal-pensjoni. Dawn l-inizjattivi ta' politika juru li l-integrazzjoni ta' perspettiva ta' tul ta' ħajja u tas-sessi fl-istadji



kollha tat-tfassil tal-politika hija essenzjali biex l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel issir realtà fl-UE u lil hinn minnha.

Xi jfisser li tkun fqir fl-UE?

Il-faqar fost in-nisa u l-irġiel imur lil hinn minn nuqqas bażiku ta' riżorsi għas-sopravivenza u jestendi għal deprivazzjoni ta' attivitajiet ċivili, soċjali u kulturali, kif ukoll opportunitajiet għal impenn politiku u mobilità soċjali. Fi ħdan il-qafas tal-Ewropa 2020 il-kunċett ta' "f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali" (AROPE) jirreferi għall-għajxien f'unità domestika li jinsab f'mill-inqas waħda minn dawn it-tliet sitwazzjonijiet:

- Li wieħed ikun f'riskju ta' faqar monetarju;
- Li wieħed ikun imċaħħad materjalment b'mod sever;
- Li wieħed jgħix f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna.

Iż-żgħażaġh fl-UE jiffaċċjaw l-ogħla riskju ta' faqar

It-trobbija fil-faqar jista' jkollha impatti tul il-ħajja. Illum fl-UE, kważi għoxrin fil-mija tan-nies foqra (19 %) huma tfal taħt l-età ta' 16-il sena. Dan huwa ekwivalenti għal kważi 23 miljun tifel u tifel li qed jgħixu f'unitajiet domestiċi foqra.

⁽¹⁾ Is-sors tad-data kollha ppreżentata fl-iskeda informattiva huwa mill-istħarriġ tal-Eurostat (UE-LFS jew UE-SILC), 2014, jekk mhux referenzjat mod ieħor.

Iż-żgħażaġh nisa u rġiel ġew affettwati b'mod partikolari mill-kriżi ekonomika, u konsegwentement jiffaċċjaw l-ogħla riskju ta' faqar

fl-UE. Fl-2014, madwar terz taż-żgħażaġh ta' bejn 18 u 24 sena kienu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, fejn in-nisa kienu kemxejn aktar f'riskju.

Ħafna żgħażaġh x'aktarx li jesperjenzaw diffikultajiet biex isibu xogħol wara li jtemmu l-istudji tagħhom. Ir-rata ta' qgħad taż-żgħażaġh (15–24) hija għolja b'mod drammatiku għal madwar 20 % kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel (23 % għall-irġiel u 21 % għan-nisa fl-2014) meta mqabbla mal-10 % għall-popolazzjoni totali.

Anki meta jkunu qed jaħdmu, ħafna żgħażaġh jibqgħu foqra. Dawn għandhom aktar ċans minn gruppi ta' etajiet oħra li jispiċċaw f'impjegji prekarji b'mod partikolari jekk ikunu telqu kmieni mill-iskola. Kważi nofs in-nisa u aktar minn terz tal-irġiel li għandhom minn 20 sa 24 sena (jekk jiġu esklużi l-istudenti) għandhom impjeggi prekarji (?). Fl-2014, ir-rata ta' nies li kienu qed jaħdmu u li għandhom f'riskju ta' faqar monetarju (faqar fost dawk li jaħdmu) kienet 15 % għan-nisa żgħażaġh u 12 % għaż-żgħażaġh irġiel minn 18 sa 24 sena. Dawn iċ-ċifri jirrappreżentaw l-ogħla rata ta' faqar fost dawk li jaħdmu fost il-gruppi kollha tal-età. Iż-żgħażaġh li għandhom



Id-disparità bejn is-sessi fil-faqar tibda tiżdied f'età akbar u hija l-ogħla fost in-nies li għandhom 75 sena u iżjed

għixu mal-ġenituri tagħhom, jew li huma sostnuti finanzjarjament minnhom huma protetti aħjar mill-faqar.

Nisa akbar fl-età ffaċċjati b'inugwaljanzi tul il-ħajja

Id-disparità bejn is-sessi fil-faqar tibda tiżdied f'età akbar u hija l-ogħla fost in-nies li għandhom 75 sena u aktar (22 % tan-nisa meta mqabbla ma' 15 % tal-irġiel jgħixu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali). Tul il-ħajja, l-inugwaljanzi bejn is-sessi b'mod sistematiku jdgħajfu l-indipendenza ekonomika tan-nisa, b'hekk ikollhom ħafna aktar ċans li aktar tard fil-ħajja jaqgħu fil-faqar. In-nisa jiffaċċjaw varjetà ta' sfidi fis-suq tax-xogħol inklużi iżda mhux limitati għal:


- Rata medja ta' impjeggi konsistentement taħt dik tal-irġiel;
- Ċans kbir li wieħed ikun involut f'xogħol part-time (32 % għan-nisa kontra 8 % għall-irġiel);
- Ir-rappreżentazzjoni żejda f'setturi li normalment mhumiex imħallsa sew u li għandhom opportunitajiet limitati ta' karriera jew żidiet bil-mod fil-qligħ;
- Riskju ogħla li wieħed ikun f'impjeggi prekarju.

Barra minn hekk, in-nisa jitilqu mis-suq tax-xogħol f'età aktar bikrija mill-irġiel, f'numri partikolarment kbar qabel l-età tal-irtirar (ir-rata ta' inattività tan-nisa li għandhom bejn 55 u 64 sena hija 52 %, filwaqt li għall-irġiel f'dan il-grupp ta' età hija 36 %).

Il-kura u responsabbiltajiet oħra tal-familja, li spiss ma jkunux ikkompensati, ikunu sottovalutati u ma jkunux imqassma b'mod ugwali, għandhom impatt qawwi fuq il-pożizzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Dan japplika matul il-ħajjiet tax-xogħol tagħhom anki f'età aktar bikrija. Madwar 10 % tan-nisa li għandhom 50 sena jew iżjed jindikaw li minħabba responsabbiltajiet tal-familja jew ta' kura, dawn huma barra mis-suq tax-xogħol u mhux qed ifittxu impjeggi. Il-ħajja tax-xogħol tan-nisa fl-UE-28 hija 5.1 snin iqsar mill-ħajja tax-xogħol tal-irġiel. Dan huwa minħabba interruzzjonijiet fil-karriera matul il-ħajja tax-xogħol, iżda anki minħabba ħruġ bikri mis-suq tax-xogħol.

(?) EIGE (2017, li jmiss), Gender, skills and precarious work in the EU, Research note (Sessi, ħiliet u xogħol prekarju fl-UE, Nota ta' riċerka).

Figura 1 — Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew esklużjoni soċjali (AROE) skont is-sess jew il-grupp ta' età (UE-28, 2014)



Sors Eurostat, UE-SILC (ilc_peps01).

Dawn il-kundizzjonijiet ta' xogħol u mudelli ta' karriera jwasslu għal indipendenza ekonomika limitata għan-nisa matul ħajjithom, iżda b'mod speċjali f'età aktar avvanzata, u konsegwentement għal pensjonijiet aktar baxxi. Fl-2014, id-diskrepanza medja bejn is-sessi fil-pensjonijiet fl-UE kienet għolja sa 40 % ⁽²⁾.

Fattur ieħor li jbiegħed nies akbar fl-età mis-suq tax-xogħol huwa dak tal-“ageism” — diskriminazzjoni kontra persuna fuq il-bażi tal-età tagħha, li flimkien mas-sessiżmu toħloq mill-inqas sfida doppja għan-nisa akbar fl-età.

X'jista' jsir biex jitnaqqas ir-riskju tal-faqar ta' nisa akbar fl-età?

Żieda tal-indipendenza ekonomika tan-nisa matul iċ-ċiklu tal-ħajja

L-inugwaljanzi bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol, in-nuqqas ta' miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja u l-kondiviżjoni inugwali u s-sottovalutazzjoni ta' kura mhux imħallsa u xogħol domestiku li b'mod sistematiku jimmina l-indipendenza ekonomika tan-nisa jeħtieġ li jiġu indirizzati. L-effett ta' inugwaljanzi tul il-ħajja li n-nisa jesperjenzaw matul ħajjithom huwa partikolarment evidenti f'età aktar avvanzata meta ħafna aktar nisa milli rġiel ikunu esposti għar-riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali. L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u ta' tul il-ħajja fit-tfassil tal-politika hija kruċjali għaż-żieda tal-indipendenza ekonomika tan-nisa u għall-ġieda kontra l-inugwaljanza tul il-ħajja fuq medda ta' żmien twil.


L-inizjattiva **Aħseb, Aġixxi, Irrapporta** ġiet imfassla biex tiġi evitata d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, inkluż id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età u s-sess. Din tressqet mill-Gvern Ingliż u hija waħda mill-prattiki tajba identifikati mill-EIGE. Din tkeġġegħ lill-kumpaniji biex jaħsbu dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-forza tax-xogħol tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-reklutaġġ, iż-żamma, il-promozzjoni u l-ħlas. Għal aktar informazzjoni dwar il-prattiki tajba, ara s-sit web tal-EIGE.

L-effett ta' inugwaljanzi tul il-ħajja li n-nisa jesperjenzaw matul ħajjithom huwa partikolarment evidenti f'età aktar avvanzata.



⁽²⁾ Il-Kummissjoni Ewropea (2016), Report on Equality between Women and Men (Rapport dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel) 2015, disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/files/annual_reports/2016_annual_report_2015_web_en.pdf

Figura 2 — Inattività ta' nies akbar fl-età skont is-sess (t'età minn 55 sa 64 sena, 2014)



Sors: Eurostat, LFS (lfsa_ipga).

Aġġustamenti ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali f'konformità ma' sfidi attwali

Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-politiki ta' kontra l-faqar jeħtieġ li jindirizzaw sfidi ġodda bħall-popolazzjoni li qed tixjieħ, l-istrutturi tal-familja li qed jinbidlu, flussi ġodda ta' migrazzjoni, kif ukoll forum u kundizzjonijiet tal-impjeg li qed jinbidlu. Dawn għandhom jggarantixxu protezzjoni ekonomika suffiċjenti, mhux biss għal forum tradizzjonali ta' impjeg matul il-ħajja, iżda wkoll iqisu lil dawk involuti f'xogħol ta' kura mhux imħallas, impjeg mhux standard jew impjeg prekarju, u dawk affettwati minn interruzzjonijiet fil-karriera minħabba responsabbiltajiet ta' kura.

Ir-rieżami annwali tal-politiki ekonomiċi tal-UE (proċess tas-Semestru Ewropew) jipprovdi opportunità biex tkompli tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn is-sessi matul il-ħajja billi jiġu indirizzati l-inugwaljanzi bejn is-sessi fis-sistemi tal-pensjoni. Eżempju jista' jkun li jiġu kkreditati adegwament il-perjodi ta' kura kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel u li jiġi żgurat li dawk li huma ħaddiema għal ras-hom, inattivi, qiegħda jew f'impjeg atipiku jkollhom aċċess ugwali għal skemi ta' pensjoni tal-istat. Is-sigurtà f'età avvanzata tirrikjedi wkoll titjib fid-disponibbiltà tas-servizzi soċjali pprovduti pubblikament u l-aċċess għalihom, inkluż il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul.

Jiġu mrawma sinerġiji fi ħdan u tul oqasma ta' politika differenti

Il-kawżi u l-esperjenzi tal-faqar ivarjaw ħafna fi gruppi differenti ta' nisa u rġiel, bħaż-żgħażaġh u x-xjuħ, il-popolazzjoni tal-migranti,

il-ġenituri waħedhom, Roma, jew il-persuni b'diżabilità. Il-politiki differenti jistgħu jsaħħu lil xulxin u għalhekk sinerġiji aktar b'saħħithom bejn strateġiji ta' kontra l-faqar u politiki ekonomiċi u soċjali bħal politiki tal-ugwaljanza bejn is-sessi, l-impjeg, it-tasazzjoni, il-familja u l-abitazzjoni jistgħu jgħinu biex jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-faqar u l-esklużjoni soċjali b'mod aktar effettiv. Pereżempju, il-provvediment tal-benefiċċji tal-qgħad jista' jipproteġi aħjar lin-nies kontra l-faqar meta jiġi kkumplementat minn miżuri li jgħinu lill-individwi jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xogħol. Dawn jistgħu jissaħħu aktar permezz tal-provvediment ta' servizzi ta' kura, għat-tfal, dipendenti akbar fl-età, persuni morda jew diżabbli.

Fejn issib iktar informazzjoni dwar l-EIGE

- **Il-Pjattaforma tal-Integrazzjoni tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi** tipprovdi gwida u għodod għal dawk li jfasslu l-politika li qed ifittxu li jintegraw perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi f'politiki ta' kontra l-faqar. Hemm taq-sima speċifika ddedikata għall-"faqar".
- **Il-Bażi ta' Data tal-Istatistika dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi** għandha l-aktar ċifri riċenti dwar is-sessi u l-faqar fl-UE. Id-data hija komparabbli fl-Istati Membri kollha.
- **Iċ-Ċentru tar-Riżorsi u d-Dokumentazzjoni** jipprovdi links għal pubblikazzjonijiet dwar il-faqar matul iċ-ċiklu tal-ħajja. Dawn jinstabu faċilment bl-użu ta' funzjoni tat-tittxija ta' keyword.

L-EIGE jipproduċi regolarment rapporti li jirrieżaminaw oqasma differenti tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (BPfA), kif mitlub mill-presidenzi tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Din l-iskeda informattiva hija bbażata fuq ir-rapport "Poverty, gender and intersecting inequalities in the EU" (il-faqar, l-inugwaljanzi bejn is-sessi u intersezzjonali fl-UE) imħejji fuq talba tal-Presidenza Slovakkja (2016). Dan jesplora l-progress bejn l-2007 u l-2014 fit-tnaqqis tal-faqar tan-nisa meta mqabbla mal-irġiel kif ukoll ta' gruppi speċifiċi li jinsabu f'riskju, bħal ġenituri waħedhom, persuni b'diżabilità, migranti u n-nies tar-Rom. Rapporti oħrajn l-aktar riċenti jinkludu:

- L-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-poter u t-teħid tad-deċizzjonijiet (2016);
- Disparità bejn is-sessi fil-pensjonijiet fl-UE (2015);
- L-ugwaljanza bejn is-sessi u l-indipendenza ekonomika: xogħol part-time u impjeg indipendenti (2014).

Tista' tesplora r-rapporti u l-pubblikazzjonijiet kollha tal-BPfA preċedenti tal-EIGE fuq <http://eige.europa.eu/monitoring-the-bpfa>



L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-ċentru ta' għarfien tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-EIGE jappoġġja lil dawk li jfasslu l-politika u lill-istituzzjonijiet rilevanti kollha fl-isforzi ta' tagħhom biex jagħmlu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa realtà għall-Ewropej kollha billi jipprovduhom għarfien espert speċifiku u data komparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa.

© L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, 2017
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.
Ritratti: Shutterstock



L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi
Gedimino pr. 16
LT-01103 Vilnius
IL-LITWANJA

Print: MH-06-16-074-MT-C 978-92-9470-162-6 10.2839/976741
PDF: MH-06-16-074-MT-N 978-92-9470-174-9 10.2839/12820

Detalji ta' kuntatt

<http://eige.europa.eu/> 
facebook.com/eige.europa.eu 
twitter.com/eurogender 
youtube.com/user/eurogender 
eige.sec@eige.europa.eu 
+370 52157444 